# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma targa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb*.

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, L'EŬŬEL TA LULJU, 1913. NRU. 71.


*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Iż-żeŭġ ilsna.

— —

Illum irridu nħallu l'imħabba collha li għandna għall Malti fil ġenb, biex nitchellmu fuk it-Taljan u l'Ingliż, li taparsi għandhom jimxu *pari passu*, jigifieri *refgħa b'refgħa*, bħalma nghidu għaż-żŭiemel tat-tiġrija. La darba il Prim Ministru tal Inghilterra, Asquith, mita dan l'aħħar chien haŭn Malta, kalilna ċar u tond li *il biċċa tat-Tagħlim ma tokrosx ħlief lilna u aħna biss għandna naraŭ x'jakblilna,* il Ħabib, bla ma jogħdos fil *Pulitica*, għandu id-dmir isamma leħnu għall gid tal Poplu, mhux biex jitmiera ma daŭc li jaħsbuha xort'oħra, għax il Ħabib fuk il *Pulitica* ma jitmiera ma ħadd, imma biex nghidu aħna ighin ftit id-dgħajsa, issa li donnha sejjra tieħu żeŭġ kadfiet seŭŭa.

Aħna għedna dejjem (u katt ma nbiddluha din il fehma, għax nafu li nakblu fiha ma daŭc li iħobbu tas-seŭ il Poplu, barra minn cull xbiec tal *Pulitica*), aħna għedna dejjem li għandna ngħożżu it-Taljan bħal biċċa minn kalbna, għax hu il lingŭa tal educazzjoni tagħna u biħ nistgħu nuru chemm ilna minsugin mal gebbieda tar-Rumani, chif ucoll għax bil Latin u bit-Taljan huma l'Archivji collha ta Malta sa minn kabel geŭ haŭn il Grammastri; għad li, f'li stess ŭakt, jaħtieġ nitgħallmu ucoll bl'Ingliż, għax għandna bżonnu bħala għodda f'idejna, la ninsabu taħt il Bandiera tal Inghilterra u sgur ma haŭnx migńun (f'Malta u Għaŭdex chif iduru) li jixtiek jibdilha.........

Kiegħdin niftacru li, 37 sena ilu, mita, f'april tal 1876, gie haŭn Malta il *Prince of Wales* (imbagħd, *Dŭardu Sebgħa*), conna ctibna, fost oħrajn, daŭn il versi:—

Fl'eŭŭel żmien minn tal insara,
in-nies tagħna l'eŭlenija
chienet emmnet li Bin-Alla
gie fid-dinja biex jifdiha:
u chif emmnu l'eŭlenin
bkajna nemmnu aħna il Maltin.

Hecc ucoll, Ŭerried tas-Saltna,
din il Gżira tagħmel Mieghec:
ix-Xjuħ tagħna ntagħtaŭ Lilec,
aħna ucoll incunu Tieghec.
*Chif id-Din żammu cull-ħadd,*
*is-Sultan ma nibdluħ katt!*

U illum, xagħarna leŭn ieħor, narġgħu ntennu din ix-xhieda ta kima lejn il Bandiera Ingliża.

Mela, l'imħabba tagħna bla tarf għall *lingŭa taljana*, bħalma katt ma tiesfet fîna il gibda li għandna għall *lingŭa maltija*, hecc ucoll ma tfisserx mibegħda għall *lingŭa ingliża*.

U chiecu it-Taljan u l'Ingliż jiġu mgħallmin tas-seŭ refgħa b'refgħa, ma għandniex għal fejn nitniffsu actar: hecc riedu dejjem il ħbieb il cbar tal Poplu: hecc jixrak: u hecc imissu isir.

Imma kiegħed isir hecc?...

Le: imchien: u la f'li *Schejjel tal Gvern,* u la fil *Liceo* u inkas fl'*Università!*

Targa, daŭn it-tliet friegħi tat-Tagħlim, li s'issa chienu magħkudin flimchien, taħt it-tmexxija ta Cap ŭieħed, sejjrin jinfirdu għal-collox, bi tliet Capijet, ŭieħed għal cull fergħa; u għal tnejn minnhom, li *Schejjel tal Gvern* u il *Liceo*, geŭ magħżulin żeŭġ Capijet Ingliżi. Dan juri li it-Taljan u l'Ingliż bi ħsiebhom tas-seŭ jiġu mgħallmin refgħa b'refgħa?... Aħna jidhrilna li le!

Imma għala? Jecc *il biċċa tat-Tagħlim għandha tcun f'idejna,* chif kâl il Ministru Asquith, li ma kagħad jinħeba xejn ŭara sebgħu: u aħna nixtieku nitgħallmu b'miżien ŭieħed it-Taljan u l'Ingliż, chif dejjem ħanbku il Capijet tal Poplu: għaliex ma isirx hecc?... Għaliex ingibu il għelt fejn, chif jidhirlu li stess Prim Ministru tal Inghilterra, m'hemmx bżonnu?......

## X'ighidu ghalina fuk il Cungress.

IV.

Il fehma mkaddsa ta dan il Cungress chienet l'eŭŭel-nett, bħalma kâl saħansitra mil bidu l'Iskof ta Namur u chif ŭira xeŭktu il Papa stess, filli jintagħta trijonf mill'isbaħ lil Sidna Gesù Cristu fl'Eŭcaristija; u din hi l'eŭŭel ħaġa:—it-tieni, chif mar juri il Cardinal Bourne b'rekka ta dehen u b'imgiba ta għakal cbir li trid icolloc ħabta għaliħ u tagħraf tmexxi bla ma tniggheż u tkammas il ħadd, chienet it-tpattija għan-nukkas ta kima magħmula lill'Eŭcaristija minn daŭc collha li ma jemmnux biha u ma jakblux magħna f'bosta ħŭejjeġ dŭar ir-Religjon għażiża: — it-tielet, chienet dic il fehma mkaddsa filli iżidu ġaŭhra fil curuna glorjusa ta dic il Gżira maħbuba nisranija, chif ucoll icomplu icattru f'li *Storia ta Malta* il gieħ u il foħrija icbar milli huma,—gieħ u foħrija li tibka tissemma għat-tûl taż-żmenijet.

U billi il gîd imkaddes li sâr fl'erŭieħ permezz ta tant krâr u tkarbin chien il għakda ta collox, fuk hecc daŭc il granet ta kabel il Cungress ma setgħux ma icunux ta hena u faraġ imkaddes, u l'eŭŭel frott tant mixtiek gie mogħti bl'isbaħ għaxka u bl'għona ferħ. B'dana collu, il hena u il faraġ imkaddes chienu għadhom ma ŭaslux fl'akkâl taħħom: raġa nkala xi għajdut, għax għandu icun x'naf ħasbux u beżgħu mii Protestanti li sejjrin actarx jgħakkxulhom, ifixclulhom u fl'aħħar siegħa iħabblulhom u iħarbtulhom collox.

Imma minn dan ma sar xejn, u inkas tgħid chien hemm għal fejn għaliex ŭieħed jitħasseb u jimla rasu: biss deher fl'idejn nitfa ta ctieb imsejjaħ *The Eucharistic Congress: What does it mean?* (jigifieri: *Il Cungress Eŭcaristicu; jakaŭ x'ifisser?*), li għadni chemm krajtu issa mil bidu sal aħħar,—ctieb żgħir ta 32 faċċata, fieraħ, mimli b'ħafna csuħât u ħmerijêt, inkas biss trîd tati câs tiegħu, hecc illi igagħlec f'li stess ŭakt tgħader u titħassar seŭ il min chitbu u seŭ ucoll il min tkanna biex xerrdu u kassmu fl'idejn.

Dan hu collu b'cullma ħolmu u tŭebblu il Protestanti: mil bkija ma nstaram xejn. Dac il ħafna għajdut, immela, u dac il biża u taktîk ta kalb, bosta ma chellhomx x'iriduħ: u daŭc il Maltin li jafu jaħsbuha u rashom tŭassal biż-żejjed, ureŭhom bid-dieher illi il Protestanti, f'pajjiż bħalma hu Malta, ma humiex sejjrin, le, jiftlu ġlied hecc addoċċ mal cattoliċi, u jicsruha maħħom.

Madancollu, barranin chien għad haŭn ftît ŭisk, u scond il galbu ma chienx bi ħsiebhom jaslu bil cotra. L'imgiba ta xi uħud mill' *Agenzji tal Vapuri* hi ta min ilumha bl'icraħ, u imakdarha ħafna, għax

ir-rgiel mhux hecc icunu, chif ghamlu huma. Daŭn ŭisk drabi chienu ħabbru u xandruha ma ciccu-u-il-poplu illi sej' icun hemm ghall Malta tluk ta bastimenti cbar minn bosta xtût ta artijêt oħra, u xi uħud żammeŭ chelmthom u ureŭ rġulithom. Jena stess sefirt fuk ŭieħed minn daŭn il bastimenti, il *Prinz Heinrich*, illi ix-xirca tan-Navigazioni germaniża *Norddeutscher Lloyd* ħadet ħsieb tibghat Malta. Fuk da'l vapur li sefirna mieghu—(li fiħ medda ta 70 kasba tûl, micsi minn geŭŭa u fit-trufijêt ta barra b'taghmira ram u żmalt ilekk bħax-xemx, u cullfejn tħares cullimchien nadif tazza u irid itir bil ġmiel, fost dic il migimgha ta passiggieri, ilcoll mill'aħjar nies, ghônja u cbârat mill'Amerchi u mir-Russja, mil Germanja u mill'Inghilterra, chif ucoll b'dic l'imgiba tajjba li issaħħrec tan-nies ta abbord, ibda mil captan u spiċċa fl'inkas baħri, li ureŭna kima u daru bîna mhux ftit, biex jakduna f'cullma incunu ninħtieġu) il maŭrien taghna sa usalna Malta chien ghalina tal isbaħ ghaxka, dac il viaġġ iva, il bidu ta riżk u barca ta cullma chellu jiġri f'dic il Gżira minn hemm u ftit ġranet oħra. Iżżmien ta fuk il baħar ma rajnieħ xejn. Dic is-safra sabiħa chienet bħala ħolma—ħolma li bdiet fost il fŭiħa u is-sbuħija tax-xtut tal Italja, u spiċċat bi ġmiel ta sħaba bajda li dehret f'xefak is-sema huŭa-u-iżernak, u dlonc tinfirex u tiżżeŭŭak mal ħmura ta fil ghodu bl'isbaħ ghaxka, ŭakt li 'l baħar chien imeŭŭeġ u jitmeŭŭet fix-xejn ix-xejn, u iż-żiffa ghaddejja tbatti ħelu-ħelu....dic is-sħaba bajda chienet Malta, li feġġet fil bghid; minnufiħ il biċċa il cbira tal vjaġġaturi nġabru f'ŭaħda mill'isbaħ sŭali tal vapur li conna raŭŭammniha f'lôc cappella, u hemm semghu tliet kuddiesiet ŭara xulxin, u tkarbnu ucoll.

Iżda mhux ix-xirchiet collha li ghandhom il vapuri taħt idejhom giebu ruħhom tajjeb bħall Cumpanija tal vapuri ta Brema, u il bastimenti li ghal-taparsi chellhom ħsieb jibaghtu Malta, bakghu ma baghtuhom xejn: chienet xeŭka bla temma ghal ħafna u ħafna nies li chienu bid-disinn imorru Malta bi ħġarhom ghall Cungress. F'din il ħaġa, li hi daħc fil ŭiċċ, ghax ma tridx ŭisk biex tintebaħ, xi uħud jifhmu li collu chien xoghol u tbexchil tal mażuni li ħmeŭ minn taħt il taħt: bosta nies li chellhom ħajra cbira u chienu mhejjin u collox biex isiefru ghall Malta, fl'aħħar siegha baka f'ŭiċċhom u sâbu ruħhom bħall erbgha fost il gimgha, peress li chienu iridu jaksmu il baħar u jirħulha minn tant portijet boghod: imma la darba il vapuri sfrattaŭ u baħħ, ma setghux jaghmlu ieħor; u ħtieġilhom fuk kalbhom jeŭ jerġghu l'ura lejn djarhom, jeŭ imorru Malta mal vapur iż-żghir il jitlak culljum minn Serkusa.—dakxejn ta vapur li imħabba ir-rassa tan-nies li chien icun hemm fuku, ghall'inkas f'daŭc il ġranet, jeŭ imħabba xi ragiunijêt oħra, bosta frustieri ma ħarġu jiftaħru xejn u sar ħafna tgherghîr. Ghemgmu sħiħ u ħaduha contra dac u contra dan, u issa fuk ħaġa u issa fuk oħra, ghax forsi dehrilhom illi in-nies tal Cumitat u mhux Cumitat naksuhom ħafna u ma ghamlux dmirhom sa-barra chif jigi minnu.

F'gażiba bħal din, geŭ ħinijet li fihom chien jigi x'iħassbec u tghid bil biża geŭŭa kalbec illi Cungress bħal dac, ghajb jaħasra, x'fatta sejjer jitħarbat u jitgherfex.

Imma xejn ma ftacru u kaghdu jixtarru tajjeb b'moħħom illi il ghakda u il kofol ta collma chellu isir fil Cungress, mil bidu sat-tmiem, chien bis-saħħa tal Maltin:—il Poplu collu ta Malta chien ilu, iva, jeħrec żmien; u ħadem bla tarf lejl u nhar, minn jeddu, bil ħeġġa, mil kieħ ta kalbu, b'fehma ŭaħda l'actar ghażiża, ta veru nisrani li hu, biex collox jisfa ta trijonf mill'akŭa lill Gesù Sagramentat, u il glorja Tieghu tixxandar dejjem iżjed u iżjed chif jixrak u tistħokklu.

Fost ħafna taktîk ta kalb, fost ħafna taħbit ta moħħ, stenna u gîb mîn jistenna, sebħet intant sa fl'aħħar il ġurnata tat-22 ta April,—jum tant mixtiek u chienu ilhom tant bit-tâma tieghu peress li dac in-nhar chellu jidħol il Cardinal li chien baghat haŭn il Papa minn f'lôcu.

*Ġranet gheżież ta tifchira katt bħalha.*

Chienu ħarġuha u nxterdet ix-xniegha barra minn Malta li ebda Cardinal ma chien bi ħsiebu jasal hemmhecc kabel ma imur u imidd riġlejħ fuk dic il Gżira il Cardinal mibghut mil Papa, u dan il Cardinal chien ghenelli jasal fil port fl'erbgha u nofs u jinżel l'art fil ħamsa. Ebda poplu ieħor taddinja ma ghandu kima u gieħ lejn ŭieħed *Rappresentant tal Papa*, daks chemm ghandhom il Maltin; in-nies ta Malta, malli jaraŭ Kassis miexi fit-triek, dic is-siegha irħilhom iseîlmulu bil kalb u trachom ineħħulu il cappell; hecda chif huma jilmħu Iskof ghaddej, minnu fiħ jersku b'kima lejħ u jinxteħtulec dlonc ghar-rcopptejhom kuddiemu biex ibierichom.

Il Cardinal Ferrata, imbghad, ma nghidu xejn: hemm f'dic il Gżira ikisuħ u iżommuħ bħallichiecu il *Cardinal Malti* li iħobb il Malta, u in-nies ta hemmecc iħobbuħ daks il mimmi ta ghajnejhom; il Cardinal li hu miġjub ŭisk fuk l'idejn mil cbârat ta ma dŭar il Gvern, u li darb'oħra kabel di 'l ħabta, seba' snîn ilu, l'Armirall Ingliż tal Flotta tal Mediterran, Lord Beresford, chien feraħ biħ tant, u lakghu b'idejħ miftuħa u tâħ dic il kima bħalma tinghata xorta ŭaħda lil Prinċpijêt ta xi Saltna; il Cardinal li kalbu ġaghlitu jibghat tislima u tiżżija ta ħajr chif xierak lis-Sultan Dŭardu VII, peress li cullfejn hemm bandiera ingliża, sa ma tulec ja truf id-dinja, hemmecc, iva, taħt il ħacma ta Saltnatu il Cnisja Mkaddsa Cattolica takdi dmirha b'sabarha collu, bla tŭeghîr u bla xchiel.

Ŭara li il Cardinal Bourne chien talab lis-Segretarju tal Papa ħalli fil Cungress ta Malta joghġbu jaħtâr minn fost il Cardinali biex jidher minn f'lôc il Papa, ŭieħed minn daŭc li mŭeldin Ruma u mnisslin mil gebbieda ta Ruma, ŭieħed minn daŭc li huma midħla seŭŭa ta ma dŭâr il Papa, bħalma chien sâr fil Cungress ta Londra ftit snin ilu, mill'eŭŭel ħasbuħ min sata icun; cullħadd intebaħ malajr fuk min chienet sejjra taka il ghażla. U ghalhecc malli semghu l'aħbar u chienu jafu seŭŭa li il Papa ser jibghatilhom haŭnhecc il Cardinal Ferrata, cullħadd feraħ bla kies, u chellhom seba' mit sena sa chemm tfittex tasal dic il ġurnata tant mixtieka li jaraŭħ fosthom.

Il ghaxka u il hena li ġarrbu il Maltin dac in-nhar li giè, ħŭejjeġ tal ghageb. In-nies tal belt u tar-rħula battlu mix-xoghol u nġabru lcoll biex jilkghuħ. Chien jidher bid-dieher li f'dic l'eŭŭel lakgha ma dac li chellu jasal f'pajjiżhom a nôm tal Papa, huma chellhom iġarrbu l'ghôna ferħ u l'akŭa ghors li jista jintâghta, chif ucoll jitpaxxeŭ f'li stess ħin bil cobor u il kdusija tal Cungress. Fil ghaxra ta fil ghodu ŭaslitilhom l'aħbar li 'l gifen tal gŭerra *Hussar* telak u collox minn Serkusa xi nofs siegha ilu. Saħansitra minn dac il ħin il Cardinal chien kisu Malta. Ma chienx iżjed l'Italja, imma fuk il baħar, — fuk l'ekreb baħar li il meŭġa tieghu gejja u sejjra tbûs ix-xtajta tal gżira ta Malta u tarġa l'ura bl'isbaħ ghaxka.

Il Cardinal, immela, tista tghid chien ŭasal fosthom.

X'uħud telku jiġru lejn ix-xatt, u jistaghġbu xħin jaraŭ li ghâdu ma feġġx. Ghall ħabta tas-saghtejn jeŭ it-tlieta, il Port ta Malta chien miżghud daŭŭramejt bi ħlejjak ta nies. Chienet xena mill'isbaħ li dâmet hecc dakka ta erba' sieghat jeŭ iżjed.

Cullfejn tħares, nies addoċċ fit-tŭieki, fuk il bjut, imxerrfin fil gallarii, fuk is-sŭar, ġo d-dghajjes, ma tûl xatt il plajja, minn cullfejn setghu jaraŭ, cullħadd xeŭkan jistenna, u irid jara il Cardinal dieħel: lè ma jista ifissru ħadd il ferħ li ferħu il Maltin, malli lemħu il gifen ifiġġ mil boghod u xħin daħal geŭua il Port fil ħin seŭŭa appic, mal ħabta tal arloġġ, ghax l'Ingliżi f'dac li hu ħin, ħin, tilghabilhomx.

F'chemm ilni nghid, il kniepen tal belt telku idokku bil cbir, u minnufiħ instemghu ucoll iŭieġbu u jidŭu bl'isbaħ ġmiel il kniepen collha ta daŭc li dŭâr.

Ma dac id-dakk sabiħ tal kniepen li tħossu ifaraġġlec kalbec, cont tisma f'ħin ŭieħed taghmira vapuri u lanec isaffru bla ħedŭa ta xejn, bħala turija ta ferħ u kima: bosta baned compleŭ ghakkdu il briju u żiedu ġmiel fuk ġmiel, xħin huma ucoll imkassmin il haŭn u il hinn f'bosta naħiet bdeŭ dlônc idokku dakk li ihenni, u fost collox l'Innu tal Papa.

Dac il ħin, rjus fuk xulxin, cpiepel fl'ajru, tixjir ta mcatar bla ħniena; dac il ħin, ċapcîp tal idejn u ghajjât ta ferħ ma jakta xejn, ŭakt li minn fuk il bastimenti, minn fuk il bjut tal ufficini u tad-djar, cotra cbira ta bandieri bir-radam, ta cull leŭn, ta cull ghamla, ta cull daks, huma-u-ibattu u iperpru ghaż-żiffa ħelŭa tar-riħ, donnhom chienu kieghdin jistiednuc biex actar tcompli tfaŭŭar kalbec bil ferħ u il hena f'dac il ghors li Malta bi ħġarha marret taghmel lill Cardinal hija-u-tilkghu gej mis-safar.

Il Cardinal, liebes l'aħmar minn fuk s'isfel, chien jidher seŭŭa ucoll minn boghod katiħ, abbord ta dac il gifen mižbuħ abjad ġdid, li chien ħa ħsieb igibu u iŭasslu haŭn.

F'radda ta Salib, id-daħla tal baħar intliet bi ktajja ta dghajjes li nfirxu ma cullimchien, u bdeŭ reskin jakdfu, jakdfu lejn il gifen.

Uħud min-nies tal Cnisja u mil Cbarat tal Gżira(*) telghu abbord u marru ituħ l'eŭŭel merħba ta kima fl'isem tal Maltin collha. Il Cardinal lakaħhom minnufiħ bi ħleŭŭa cbira, u daks chemm feraħ bihom, seŭŭa hu u seŭŭa in-nies li mieghu, kabiżlu saħansitra id-dmuħ minn ghajnejħ.

*(Jissocta)*

(*Maklub bil Malti minn*
DUN GIUŻEPP FARRUGIA,
(*Cappillan ta li Sptar Connaught*).

---

(*) L'Iskof Portelli, l'Avucat tal Curuna u is-Segretarji tal Arci-Iskof.

## FRAC TAD-DEHEB.

Fit-30 ta novembru li ghadda, is-Sur Eduard Bridgland, Agent tal Cumpanija tal Ferroviji tal Brażil, tghammed fil Cnisja ta San Sulpizju (Parigi).

---

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—62. L'ôpri t'Alla collha immarcati bis-salib: ifraħ, immela, ghall moħkrija li tigic imħabba il gid li taghmel.

## Fi Scôla ta bil-lejl,

*(bejn is-Sur Mast, Kassis żagħżuħ, li jaf b'ħafna lingŭi u imsemmi fost l'actar ghorrief; u Scular, acbar xi tnax il sena minnu, li, ŭara ix-xoghol tal ġurnata, imur għall Lezzjoni, għax jixtiek icompli jitgħallem xi ħaġa).*

II.

—Sur Mast, issa li għallimtni ħafna xorti sbieħ bit-Taljan u bl'Ingliż, tħallini, jecc jogħġboc, insaksic xi ħaġa fuk il Malti?....

—Għala le! Xi trid taf? Għidli ...

—X'differenza hemm bejn *lingŭa* u *dijalett*?

—Xejn, għal daŭc li huma ġmiel, saħħa u nisġa taħħom. Anzi, bosta drabi, il *lingŭa* ta pajjiż cbir m'hix ħlief id-*dijalett* ta xakliba minnu. Per esempju, il *lingŭa taljana* m'hix ħaġ'oħra ħlief id-*dijalett* tat-Tuscana, li giè msemmi *lingŭa* għax illum jictbu il pajjiż collu. U taħsebx li dan kiegħed nghidulec minn żniedi. Dan jistkarru li stess Petrocchi, li għamel l'akŭa *Dizzjunarju tal lingŭa taljana*: u illum il Chittieba collha taljani jimxu fuku....

—Kiegħed tgħaġġibni, Sur Mast!

—Mela, chemm tistagħgeb iżjed mita nghidlec li, scond bosta Chittieba, il *lingŭa taljana* ħarget mid-*dijalett skalli!*

—Issa ħaŭŭadtli rasi, Sur Mast. Il *lingŭa taljana* ħarget mit-*Tuscan* jeŭ mil li *Skalli?*...

—Ma fhimtnix: ħalli nara nistax infisseruħi aħjar.

—Jecc jogħġboc...

—Mita *ilsien*, hu x'in hu, icunu jitħadtu biħ in-nies ta xakliba ta pajjiż—bħallichiecu Skallija, it-Tuscana, il Lumbardija—ighidulu *dijalett*: imma, mbagħd, jecc jidħol fil pajjiż collu, ighidulu *lingŭa*. Fhimtni?....

—Sa haŭn fhimtec.

—Issa, sa xi żmien, ix-xaklibiet tal Italja chellhom cull ŭaħda *ilsien* għaliha u ma chellhomx *ilsien* li jictbu biħ ilcoll: iżda, fl'aħħar, id-*dijalett tuscan*, jigifieri il *lsien* li chienu jitchellmu biħ fix-xakliba tat-Tuscana, bida jinchiteb (ħażin ferm, għall'eŭŭel) u jinkara min-nies tax-xaklibiet collha tal Italja;—magħruf hecc, iddeffes cull fejn kabel ma chienx jimxi ħlief il Latin;—u illum ighidulu *lingŭa taljana*. għax imxerred mal Italja collha.

—U li Skalli, Sur Mast?....

—Li Skalli, li aħna nħossuħ f'ŭidnejna tant icreħ, haŭn min ighid li għandu mil Latin ŭisk actar mit-Tuscan: u jecc il *lingŭa taljana* tfasslet mil ŭieħed jeŭ mill'ieħor, m'hix bicċa ta idejna, għax inkas l'akŭa Ghorrief tal Italja ma setgħu katt jakblu seŭŭa bejniethom fukha! (*) Imma inti għandec tifhem—għax hecc hu u is-seŭŭa ħadd ma iħassru—li il *lingŭa* toħroġ mid-*dijalett*: jigifieri minn *ilsien ta xakliba* issir mat-tûl taż-żmienijet *ilsien tal pajjiż collu*: u juru chemm huma ħmir daŭc l'erba' boloħ li, biex imakdru il *lingŭa maltija*, ighidu li hi *dijalett*....

—Sur Mast, jecc fhimtec seŭŭa, inti għedtli li id-*dijalett* jibda jissejjaħ *lingŭa* mita jixxerred mal pajjiż collu.

—Hecc hu: l'Inghilterra, sâr *lingŭa ingliża* id-dijalett ta Londra—Franza, sâr *lingŭa franciża* id-dijalett ta Parigi — u id-*dijalett tuscan*, narġa nghidlec, bida jissejjaħ *lingŭa taljana* mita xtered mal Italja collha....

(*) Fost l'oħrajn, ma jakblux Cesare Cantù u Dante Alighieri: iżda, bla dubju xejn, l'eŭŭel poeżiji bit-Taljan inchitbu Skallija.

ID-DIREZZJONI.

—Allura il *Malti* m'hux *dijalett*... allura il *lingŭa tagħna* il Maltija, għax biha biss nafu nitchellmu ilcoll... inkas daŭc li imorru li Scola sa chemm jitfarfru u imbagħd jatu-ruħhom għas-sengħa (nghidu aħna bħali), ma jistgħu ighidu li jafu bit-Taljan....

—U sgur ucoll!

—Tgħid, Sur Mast, chien haŭn xi żm en li il Maltin chienu jafu collha bit-Taljan?...

—Le, katt: il *lsien ta Malta* chien dejjem *il Malti*: li *Storja* ma jista imeriha ħadd: imma, billi, sa minn kabel giè Cristu fid-dinja, conna nagħmlu mal Italja, jigifieri l'eŭŭel ma Ruma, għax conna sehem mis-Saltna taħħa, u imbagħd ma Skallija; u, fuk collox, billi aħna, f'ħajjet Alla, Cattolici mill'actar kodma, għax katt ma klibna mit-tagħlim ta Missierna San Paŭl; ġara, chif chellu jiġri, li, mita daħal il Latin fil Cnisja ta Ruma, daħal haŭn ucoll: u, mita l'Italja u il Papiet ħtaru b'*lingŭa* taħħom id-*dijalett tuscan*,aħna ucoll imxejna maħħom. Dan jagħmlilna onur cbir, għax juri lid-dinja chemm aħna Poplu minn ta kuddiem: u min irid jekred it-Taljan minn Malta, għandna nżommuħ b'għadu cbir tagħna.

—Iva, iva: hecc dejjem kalilna il *Habib*...

—It-Taljan hu il *lingŭa tal educazzjoni* tagħna: u irridec iddaħħal f'rasec li ma jakblilna katt, għal mit elf ragjuni, li ninfirdu minnu: iżda il Malti m'hux *dijalett*, la jitchellmu il Poplu collu: anzi, il Poplu collu ma jitchellimx ħlief lilu: u min ighid xort'oħra jeŭ ruħu m'hix maltija jeŭ ma jafx x'jigifieri *lingŭa* u *dijalett!*

—Inbus idec, Sur Mast: u niżżic-ħajr ta chemm għallimtni xorti il-lejla.

—Cun imbierec: imma darb'oħra nissoctaŭ nitchellmu fuk dan, għax għad hemm ŭisk xi nghidu.

***

## BICHI TA MALTA FI-1913.

Nirtgħod bħal xakk tal każba
Mixħuta fl-art għall kiegħa,
Ma nafx fejn nati rasi
Għax ŭaslet dic is-siegħa,
Li mdaŭŭra nħossni kiegħda
Minn cullimchien b'cull hemm.

Minn tarf għall'ieħor għandi
B'sejf kalbi mċarrta tnejn:
Il lfik, id-dmuħ, il bichi
U it-talb ma sŭeŭli xejn.
Fittxeŭ ta 'llum uliedi
Jiskuni 'l chiefer semm.

Fejn hû *Toni Bajada*,
Fejn hû *Callus Matteŭ*,
Fejn huma uliedi l-oħra
Li ħajthom dlonc ħalleŭ,
Biex l-għadu iħarshu minni
Li jen cont taħħom l-omm?

Aħ....msejcna! Collha marru,
Ħalleŭ da'l ŭied tad-dmuħ
Sabiex bil ġmiel tas-sema
Minn taħħom tgaŭdi 'r-ruħ
Li b'saħħti collha mbierec,
Bil kalb, ucoll bil fomm.

'Ma, uliedi, xejn tiddejjku
Għax contu tiegħi 'l ħtija
Li 'llum ninsab bla saħħa
Għaliex karraktu bija:
Inŭiegeb chif lin-nisa
Gesù mar lilhom kâl:

Aħ! Xejn la tneŭŭħu fuki,
Ulied Gerusalemm,
Iżd' ibcu chif l-art tagħcom
Taraŭ mimlija hemm:
U fukcom id-dmuħ xerrdu
U fuk l-imsejcna tfal.

G. M. B.

# Chitbulna:—

*Kabel xejn, irridu nagħmlu tŭissija. M'illum il kuddiem, cull-ma ngibu fil* HABIB *milli jictbulna daŭc li m'humiex magħrufin minn'na bħala* CHITTIEBA TAGHNA, *nħalluħ bl'*ORTOGRAFIJA *li jasal biha. Aħna, ma dan collu, għedna mill'eŭŭel dehra tal* HABIB *li ma nŭieġbux ħlief għall'articuli li joħorġu mingħajr ebda firma, għax daŭc biss icunu tagħna; u issa narġgħu ntennuħ għall'ortografija ucoll.*

ID-DIREZZJONI.

I.

Tas-Sliema,

fil 24 ta Ġunju, 1913.

Sur Direttur tal *Habib*,

Jen għandi f'rasi li daŭc it-tliet irgiel li dehru fi *Skak it-tŭil*, ħdejn *Sant'Anton*, biex iħajjru it-tfal huma uħiergin mil li Scola jersku lejhom—specialment chif jidher minn dac it-tfiħ tax-xelini u tat-tmintax irbigħat fl'art—ħaġa li ġrat u għadha tiġri cull jum il Cottoniera, fuk id-dgħajjes ta Marsamxett, il Marsa, San Miżun, imma l'actar ħdejn il Bombi—chienu minn daŭc il lagħaba *tat-tliet carti*, li kiegħdin idaħħlu fix-xibca mhux it-tfal biss, imma ir-rgiel ucoll. Jena ma nafx x'ighid it-*Talmud*: imma naf li id-dinja illum taħsibha xort'oħra—u, chiecu biss, dan m'hux pajjis fejn jistgħu isiru certi ħŭejjeġ. Il ftit Lhud, imbagħd, li haŭn Malta, mhux biss li huma collha nies seŭŭa, iżda qŭasi collha ta familji puliti u rispettabbli.

Inti x'jidhirlec, Sur Direttur? Xi tgħid li chienu daŭc it-tliet irgiel?.... (*)

Issib haŭn geŭŭa ismi u cunjomi, għas-sodisfazzjon tiegħec.

Il ħabib tal *Habib*,
P. P. C.

II.

Sur Direttur tal *Habib*,

Jingħad illi l'Autorità fl'aħħar indenjat ruħha tagħmel revisur f'tas-Sliema għal canzonetti li isiru fic-cinematografi ta' hemm. Il għala is-sinjura Autorità ma tagħmilx uieħed haun il belt ucoll? U li stess inghidu għal bnadi oħra. Dan ir-revisur haun il belt, specialment hua meħtieg għal tasseu, għaliex barra milli fic-cinematografi tal belt jiffrequentau nies li actarx jifhmu tant il cliem oxxen u ta doppiu sens li fihom il canzonetti, specialment is-siciliani, chemm ucoll jafu jiznu il mossi indecenti li isiru mil canzonettisti, hemm ucoll ragiuni oħra li għaliha biss, quasi, l'Autorità chien imissha ilha li ħasbet u għamlet dan il mixtiek revisur, u din ir-raguni hi li fic-cinematografi tal belt jiffrequentau anche nies strangieri, li nistħajjel jena ighidu: Chif, hua fi bliet acbar min Malta, fejn ir-religion, forsi, ma hiex rispettata daks chemm hia haun, ma isirux *certi canzonetti* u certi farsi jiżolku, haunhecca iħalluhom isiru? Fejn hia il moralità tal poplu Malti? Fejn hia ic-civiltà? U icollhom mitt elf ragiun. Aħna nirricmandau, għalhecc, għal darb'oħra lill'Autorità sabiex tieħu ħsieb din il ħaġa, u nerġgħu inghidu mill ġdid, illi ma hix ħaġa seuua li jinsab revisur għal cull Teatru u Teatrin

(*) Aħna nghidu li chienu lagħaba *tat-tliet carti*: u nafu x'iroddu, għax daŭn il ġranet stess, chif ucoll bosta drabijet oħra, chellna minnhom il-Korti f'idejna. U mhux f'dan biss, imma fil bkija collu li kâl is-Sur *P.P.C.*, naħsbuha bħalu. Anzi, chiecu l'articolu *Il Beatu Lorenzinu Sossiu*, ma chienx iffirmat bl'isem u bil cunjom ta Sacerdot magħruf minn cull-ħadd, inkas ma conna ngibuħ.

ID-DIREZZJONI.

u ghac-cinematografi ma haunx uieħed. Fost collox nirriccmandau lis-Sur Vincenti bħala Direttur tas-Società Cinematografica biex jeħu ħsieb din il bicca hu stess, tant bħala direttur chemm ucoll bħala missier ta familja, li flaħħar mill aħħar, ghandu jaħseb, illi fost dac i. pubblicu li jiffrequenta il locali li jinsabu taħt id-direzioni tieghu, icunu bosta drabi jinsabu presenti anche li stess membri tal familja tieghu. Jecc l'Autorità imbaghad assolutament ma tcunx trid ticciaklak, is-Sur Vincenti imissu jaghmel revisur hu stess, billi isib sinjur abbli, nisrani u patriott, li jaccetta din il carica.

Nitolbu, fl'aħħar, il gazzetti l'oħra, sabiex jitchellmu huma ucoll fuk dan il bżonn, ghal ġieħ ta Malta. NISRANI.

## Ma dûar il Gżira.

Ghada, l'erbgha, fis-6 u nofs ta fil ghaxija, ghandha issir partita oħra Biljard fiċ-Circlu tal *Unjoni Cattolica*, bejn id-*Dilettanti* ta din ix-Xirca u bejn l'Ingliżi tar-*Royal Army Medical Corps*. Daŭn diġà laghbu darbtejn oħra hemm u tilfu: u ghal hecc naħsbu li din il partita tcun ta curżità cbira. Jista jidħol jaraha cull-ħadd.

—Niżżu-ħajr lill Commendatur Fonsu Galea, li ghoġbu jibghatilna l'aħħar żeuġ cotba li ħarġu tal *Moghdija taż Żmien*: il ghadd 127, *L'Isla, iż-Żejtun u tas-Sliema*; u il ghadd 128, *San Tarcisju fil catacombi ta Ruma*. Żeuġ ġauħriet oħra ta dic il ħannieka li is-Sur Fons, ruħ ta Nisrani tas-seŭ u kalb ta Malti bla xtur, ilu idomm biddeheb ta moħħu u ta butu, ghall gid u irriżk tal Poplu. U jibka idommha, ghax irġulitu kieghda ŭisk fil ghôli, biex it-toscu tal bluha u tal ghira jista iŭassal ir-raghŭa tieghu sa ħdejha. *Fuk cull-ħadd hemm Alla, li jakra fi klubna*—nistħajjluħ ighid is-Sur Fons, b'dic id-daħca ta ghajnejħ, mera bla tbajja ta ghamilu.

—L'articoli ta *A.A.*u tal Cappillan ta ħ'Attard ghal darb'oħra,mħabba in-nukkas tal ŭisa.

## Ma dûar id-dinja.

*Inghilterra*—Tnejn mil baħrin feruti tas-Sottumarin, *Numru 5*, li fuku chien xcatta tubu, mietu.

—L'Infermieri nisa, li huma imsemmijin *Tar-Regina Alessandria*, geŭ imċaħħdin miż-żfin fil balli.—Ma tanx inghoġbot din il ligi: ghal dakstant il Ministru tal Gŭerra li jaghmel minnhom, giè mistoksi fil Parlament jecc satax jinghata dac l'ordni.—Izda il Ministru żamm jibes.

—Il fregata *Magnificent*, fil ŭakt li chienet tarġa l'ura f'Plymouth, ŭara li sparar, ghall cbir ċpar marret fuk l'art, iżda f'kasir żmien inkalghet minghajr ebda ħsara.

—Ŭara caŭża ta sitt ti jem, ħafna suffragisti geŭ iccundannati. Miss Kenney ma rieditx Avucat, u iddifendiet ruħħa hi stess, u spiċċat biex hedded l'Imħallef li tibka rivoluzzjunarja, chif in hi, sachemm hia u sħabha ma icollomx il vôt. Giet iccundannata sena u nofs ħabs, mentri sħabha ŭeħlu minn sitt xhur sa 18 il xahar. Li Spiżjar li chien jatihom il porvli u il miceċ ghall bombi, ŭieħel 20 xahar.—Ŭaħda missuffragisti, ŭara il cundanna, kâlet li huma fi ħsiebhom jaghmlu ix-*xjoperu tal ġuħ*, billi ma jeclu xejn milli jatuhom il ħabs!

—*Germanja*—Il Festi tal Gjubleŭ tal Imperatur tal Germanja, li ghalak 25 sena fis-Saltna,irnexxeŭ bil bosta mal Imperu collu.

—Disgrazzja oħra ġrat fis-safra tat-tedesc Schroader ghall Pôlu.—Il bastiment imħabba il bard cbir giè imdaŭŭar bis-silġ, imxeŭ fiħ ħafna, iżda tlieta minnhom mietu u ŭieħed intilef.

—*Il Gŭerra*—Mita il paci bejn li Stati tal Balcani chienet nistghu nghidu mghakkda, ghax chienu ħalleŭ il biċċa f'idejn ir-Russja, collox raġa giè imŭakkaf, ghax il Bulgarja u is-Serbja ma jistghux jiftehmu: anzi ighidu li l'ôdju tas-Serbi contra il Bulgari kieghed joctor cull jum.

*Bulgarja*—Inħass terremot cbir, specjalment f'Tirnova, fejn Sptarijet, Barracchi, Cnejjes u Schejjel ŭakghu—mejtin 21 u feruti 127.

L.M.C.G.

### AVVIŻ SAGRU.

Nhar il Ħadd 6 ta Lulju fil Cnisja ta Lies tax-xatt tal Belt issir il festa tal Madonna *tal Ferħ* (Liesse). Nhar l'erbgha uara nofs in-nhar ghal 5 u nofs jibda it-tridu bil cant tal Compieta, priedca, Litania u benezioni.

Is-sibt ghal l'istess ħin traslazioni tal Mkaddsa Reliqua u ghasar solenni. Il Ħadd il kuddies jibda mill'4 u nofs. Fis-sitta Mons. Vicariu ikaddes il kuddiesa tat-Tkarbina generali. Fid-9 kuddiesa cantata: il kuddies jibka sal 11. Ŭara nofs in-nhar ghal ħamsa niekes quart isir il Panegiricu u uara l'ghasar Mons. Polomeni Iskof titulari ta Ruspa jati il Benedizioni sacramentali. Festi ta barra.—Is-Sibt, illuminazioni generali u il popolari Banda *La Vallletle* iddokk programm sabiħ mit-8 u nofs il kuddiem. Ghal 10 u nofs isir il *giuoco di fogu* fuk il baħar u il Ħadd ghal 5 u nofs ta uara nofs in-nhar is-sir il giostra.

Nhar l'Erbgha li ghaddeu Mons. Iskof iffirma id-degriet tal *Congregazioni tal Madonna ta Liesse*, li seira tidher l'euuel darba is-Sibt li gej ghax tieħu parti fil processioni kasira msejjħa it-Traslazioni.

S. C. Z.

## L'ICHEL U IX-XORB IŻ-ŻEJJED.

*(jakbad mal għadd 66).*

Ingibu haŭn xi ħŭejjeġ tal ichel l'actar mexxejja u nghidu x'fihom fil mija:—

| | ilma | Proteijna | Lamtu | Zoccor | Xaħam | Melħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il Ħobż: | 37 | 8 | 47 | 3 | 1 | 2 |
| It-Tkiek tax-xgħir | 15 | 11 | 66 | 4 u ftit | 2 | 1 u ftit |
| It-Tkiek tal ħafur | 15 | 12 u ftit | 58 | 5 u ftit | 5 u ftit | 3 |
| Ir-Ross | 13 | 6 | 79 | ftit ŭisk | ftit | ftit |
| Il Piżelli imkaxxra | 15 | 23 | 55 | 2 | 2 | 2 |
| Il Patata | 75 | 2 | 18 | 3 | ftit | ftit |
| Il Ħalib | 86 | 4 | xejn | 5 | 4 | ftit |
| Il Ġobon | 37 | 33 | xejn | xejn | 24 | 5 |
| Id-Dgħejf taċ-ċanga | 72 | 19 | xejn | xejn | 3 | 5 |
| Ix-Xaħam taċ-ċanga | 51 | 14 | xejn | xejn | 29 | 4 |
| Il Muntun | 72 | 18 | xejn | xejn | 5 | 5 |
| Il Għoġol | 63 | 16 | xejn | xejn | 16 | 4 |
| Il Ħut abjad | 78 | 18 | xejn | xejn | 3 | 1 |
| Is-Salamun | 77 | 16 | xejn | xejn | 5 u ftit | 1 u ftit |
| Il Bajd | 74 | 14 | xejn | xejn | 10 u ftit | 1 u ftit |
| Il Butir | 15 | xejn | xejn | xejn | 83 | 2 |

Taraŭ, immela, chif cullħadd jista iżomm ruħu seŭŭa mingħajr ma jittarraf iż-żejjed?... Il kies fl'jchel sabiħ ŭisk!

Issa chemm haŭn nies mgħotija għall misħuta għâda tax-xorb?....Chemm ħsara jagħmlu f'saħħithom?....Deni lir-ruħhom u tbatija lill buthom?.... Is-sacran dejjem miet bil ġugħ jeŭ fil fakar! Għalhecc cull min hu mgħoti għax-xorb iż-żejjed, għandu igib kuddiem għajnejħ dana collu u jitlak di'l ħajja tal bhejjem. Il kaŭl igħid li «ix-xorb jagħmel nies lil min ibiegħu u mhux lil min jixorbu!» Atu dakka ta għajn lejn dana li gej, biex taraŭ chemm tcunu tbeccbu spirtu, li biħ taħarku u tgħarrku fŭiedcom:—

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ir-rum | fiħ spirtu minn | 60 | sa 75 | fil mija |
| Il ŭischi | „ | 50 | 60 | „ |
| Il brandi ingliż | „ | 50 | 60 | „ |
| Il brandi franciż | „ | 50 | 55 | „ |
| Il ġnibru | „ | 48 | 60 | „ |
| L'inbid tal Port | „ | 15 | 18 | „ |
| L'inbid ta Marsala | „ | 15 | 21 | „ |
| L'inbid tax-Xeri | „ | 14 | 18 | „ |
| Ix-Xampanja | „ | 6 | 13 | „ |
| Il Bitter-Ale | „ | 6 | 9 | „ |
| Iċ-Cidru | „ | 2 | 9 | „ |
| Il birra seŭda | „ | 4 | 7 | „ |
| Il birra bajda | „ | 2 | 4 | „ |
| Il ginger-beer | „ | 1 | 3 | „ |
| Il Vermut | „ | 19 | | |
| Il Mastica | „ | 33 | | |
| Il Maraschin | „ | 34 | | |

Hija ħaġa li jafħa cullħadd li ix-xorb velenu irkik. Għalhecc chemm jagħmlu ħażin daŭc li jiscru cull jum?

Ix-xjuħ chellhom fiż-żmienijet kodma il Baccu bħala alla (karriek) tas-scaren, u chienu isaŭŭruħ taħt elf xbiha. U dan tafu għaliex? Għax is-sacran katt ma għandu fehma sħiħa, illum igħid ħaġa, għada igħid oħra. Il bniedem xurban jibka ikalleb fi cliemu u f'għamilu cull darba u hecc jibka sejjer sama imut. Għalhecc il Baccu jatuħ elf għamla!....

Haŭn niekfu u inŭissu tajjeb li l'ichel u ix-xorb iż-żejjed katt ma sŭeŭ xejn, ħlief biss biex għamlu deni lir-ruħ u ħsara lill gisem!

GIUSEPPI MICALLEF-GOGGI.


## FIERA CBIRA

fil bitħa tal Oratorju Salesian ta tas-Sliema
Don Bosco Street
Nhar-ta-Ħadd, is-6 ta Lulju
mill 4,30 sal 10 ta bil-lejl

Minn coll xorta ta logħob, otteriji, bejgħ ta ħŭejjeġ sbieħ ħafna, Versall, Arca ta Noè, Kasba magica, Sajd ta ħut barra mil ilma, Rota tax-xorti, Silhŭett.

Ginnastca tal Boys' Brigade bil banda ta San Patrizju (tibda fil 5).

Buffet bil Cuncert, Orchestra, Cant u Reciti
Luminazioni
Banda tal *La Vallette*
u tibda bil
«La Fiera di Lipsja»
l'inghoġbot ŭisk.
Dħul 3 soldi.
It-Tfâl l'imorru mal familja ma iħallsux.

N. N.


## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

MONOVERB.

(*Sitt ittri*)

______

______

——n——

s

L'aħħar *Monoverb* chien :
*Mitfa*—(Stuta).

Giebuħ tajjeb daŭn biss: mil Belt, is-Sur *Ginu*— minn tas-Sliema, is-Sur P.P. Attard— u minn Għaŭdex (*San Laŭrenz*) is-Sur D. Grima.